# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 24/20/3 NB**

**Seaview Construction Limited (C-10715)**

**v.**

**Awtorità tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tat-30 ta' Marzu, 2023 magħmula minn Seaview Construction Limited taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu 2023, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

## Daħla

2. B'rikors tal-5 ta' Mejju, 2020, il-kumpanija Seaview Construction Limited fissret li b'kuntratt tal-31 ta' Jannar, 1994 hija xtrat biċċa art fil-Mosta bil-kejl ta' madwar 1,270m.k. Tgħid li b'dikjarazzjoni tal-25 ta' Frar, 2020 iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet kien iddikjara li parti minn din l-art bil-kejl ta' 901m.k. kienet qiegħda tittieħed b'titlu ta' xiri assolut b'kumpens ta' €359,750.

3. Billi skont il-perit imqabbad minn Seaview Construction Limited l-art meħuda lilha tiswa €1,292,935 u billi hija tallega li l-pussess fiżiku tal-art kien ilu li ttieħed mingħandha sa minn Awwissu 2007, hija fetħet kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet u talbitu sabiex:

> *«1. Jistabilixxi l-kumpens tal-prezz tal-art pagabbli lill-esponenti b'riżultat tal-espropju fuq imsemmi;*
>
> *2. Jillikwida d-danni ta' okkupazzjoni spettanti lir-rikorrenti minn Awwissu 2007 sad-data tal-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern fuq imsemmija;*
>
> *3. Tikkundanna lill-Awtorità intimata sabiex tħallas il-prezz stabbilit minn dan il-Bord kif ukoll id-danni ta' okkupazzjoni fuq likwidata fuq liema prezz stabbilit għandhom jiddekorru l-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mid-data ta' Dikjarazzjoni fuq imsemmija sad-data ta' pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.»*

4. L-Awtorità tal-Artijiet wieġbet fit-22 ta' Ġunju, 2020 u tat ir-raġunijiet

tagħha għalfejn ir-rikors ta' Seaview Construction Limited għandu jiġi miċħud.

5. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2022, il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet iddeċieda l-kawża b'dan il-mod:

> *«1. Jilqa' l-ewwel talba u jistabbilixxi l-prezz tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri ossia l-art indikata fid-Dikjarazzjoni taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet tal-25 ta' Frar 2020 li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-26 ta' Frar 2020 (Avviż numru 210/2020) ta' kejl superfiċjali ta' 901m$^2$ meħuda b'titolu ta' xiri assolut fl-ammont ta' ħames mija u tnejn elf disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€502,983.25) mil-liema ammont jirriżulta li diġà tħallset is-somma ta' €359,750 u għalhekk jifdal bilanċ dovut ta' mija tlieta u erbgħin elf mitejn tlieta u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€143,233.25).*
>
> *2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante li ġiet irtirata;*
>
> *3. Jilqa' in parte t-tielet talba u jikkundanna lill-Awtorità intimata tħallas lir-rikorrenti il-bilanċ mill-prezz stabbilit mill-Bord fil-para. 1 supra ossia l-ammont ta' mija tlieta u erbgħin elf mitejn tlieta u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (€143,233.25) bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-data tar-rikors promotur ċjoè mill-5 ta' Mejju 2020 sad-data tal-pagament effettiv fuq il-prezz stabbilit mill-Bord fil-para. 1 supra u ċjoè fuq il-prezz ta' ħames mija u tnejn elf disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€502,983.25), filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tat-talba fejn qed tintalab kundanna fir-rigward tad-danni ta' okkupazzjoni u l-imgħaxijiet fuq tali danni.*
>
> *4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità intimata sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.*
>
> *Bl-ispejjeż għandhom jiġu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-Awtorità intimata u dak hawn stabbilit mill-Bord ikollhom għad-differenza fl-ammont mitlub mir-rikorrenti u l-ammont hawn stabbilit mill-Bord u dan a tenur tal-Artikolu 73(2) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

6. L-Awtorità tal-Artijiet appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Ottubru, 2022 bl-aggravju waħdieni li l-Bord iddeċieda ħażin fuq l-

imgħax. Fl-appell tagħha, l-Awtorità tal-Artijiet saħqet li l-imgħax m'għandux jinħadem fuq il-kumpens sħiħ ta' €502,983.25 iżda għandu jinħadem biss fuq is-somma ta' €143,233.25, wara li tiġi mnaqqsa s-somma ta' €359,750 li ġa kienet ġiet imħallsa bħala kumpens mill-Awtorità tal-Artijiet.

7. Illi b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu, 2023, din il-Qorti b'Imħallfin differenti ddeċidiet li tilqa' dan l-appell tal-Awtorità tal-Artijiet u ordnat li b'seħħ mill-5 ta' Mejju, 2020 sad-data tal-ħlas kollu, għandu jitħallas imgħax bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' €143,233.25 u mhux fuq is-somma ta' €502,983.25.

8. Sa fejn rilevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni, ir-raġunijiet ta' din il-Qorti kif dakinhar komposta kienu dawn:

> *«Fil-verità, hija l-fehma ta' din il-Qorti, li l-appell tal-Awtorità appellanti huwa wieħed li jimmerita li jiġi milqugħ. Dan jingħad peress li ġaladarba jirriżulta aċċettat, illi ftit wara li ħarġet id-dikjarazzjoni li permezz tagħha seħħet l-esproprjazzjoni, sar id-depożitu tal-ammont ta' €359,750 offrut mill-istess Awtorità f'kont bankarju li jirrendi l-imgħax, kif tipprovdi l-liġi (Artikolu 52(1) tal-Kap. 573), is-soċjetà rikorrenti, bħala sidt l-art setgħet titlob l-awtorizzazzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ, li ladarba kellha titolu validu ta' proprjetà, sabiex tiġbed is-somma depożitata, flimkien mal-imgħax li nġema' fuqha (kif jirriżulta mit-tielet sub-inċiż tal-istess Artikolu). Fil-fatt, fil-mori tal-proċeduri s-soċjetà rikorrenti ressqet rikors f'dan is-sens (ara fol. 28). Inoltre, l-Artikolu 52(5) tal-Kap. 573 jipprovdi li l-ammont depożitat, kif ukoll l-imgħax li jgħaddi fuqu jista' jiġi żbankat, sew jekk is-somma depożitata bħala kumpens tkun jew ma tkunx ġiet aċċettata bħala l-ammont ta' kumpens dovut, u l-ġbid ta' dawk l-imgħaxijiet mid-depożitu m'għandux jippreġudika l-jedd li persuna jkollha li tmexxi skont il-liġi, għall-fini li jiġi stabbilit kull kumpens ieħor li jista' jiġi mħallas lilha skont l-istess liġi.*
>
> *Fil-fatt, hekk ġara fil-każ in eżami, wara li s-soċjetà rikorrenti ressqet ir-*

*rikors imsemmi fil-paragrafu preċedenti, sar il-kuntratt ta' bejgħ ta' drittijiet ta' kumpens fit-8 ta' Ottubru, 2020, fl-atti tan-Nutar Dottor Marija Cachia, (ara fol. 39 tal-proċess) fejn fost affarijiet oħra, jingħad li s-soċjetà rikorrenti kienet qiegħda tbiegħ u titrasferixxi favur il-Gvern ta' Malta, li aċċetta li jixtri u jakkwista d-drittijiet ta' kumpens marbuta mal-art in kwistjoni. Kwindi jingħad fl-istess kuntratt li, l-Gvern ħallas is-somma ta' €359,750 u peress li l-istess flus kienu depożitati f'kont bankarju Malti, l-interessi tal-bank sa dakinhar kienu jammontaw għal €1,117.83 u għalhekk il-Gvern ħallas total ta' €360,867.83. B'dan illi fl-istess kuntratt jingħad ukoll li:*

> *«Il-Venditur jiddikjara illi, minkejja l-kuntratt preżenti u ħlas relattiv li qiegħed isir, il-Venditur qiegħed jirriżerva kull dritt li tagħtih il-liġi sabiex jottjeni prezz differenti. Għaldaqstant il-kuntratt preżenti qiegħed isir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Venditur hekk kif ikkontemplat fil-liġi u in partikolari għad-determinazzjoni tal-kumpens u interessi dovuti.»*

*Ġaladarba l-ammont ta' €359,750 offrut mill-Gvern bħala kumpens għall-esproprju tal-imsemmija art qatt ma kien kontestat il-ħlas tiegħu, tant li dan kien depożitat f'kont bankarju u hekk kif saret il-prova tat-titolu ta' sidt l-art u wara li ġie intavolat ir-rikors ikkontemplat fil-liġi, sar il-kuntratt li permezz tiegħu seħħ il-pagament kemm tal-ammont ta' €359,750, kif ukoll tal-imgħax li laħaq inġema' fuq l-istess ammont fil-kont bankarju, isegwi li għandha raġun l-Awtorità appellanti meta tgħid li mill-ammont ta' €502,983.25 likwidat mill-Bord, meta ġie ntavolat ir-rikors, kien biss l-ammont ta' €143,233.25, li kien għadu ma tħallasx u li allura huwa raġonevoli li l-imgħax jiddekorri fuq dan il-bilanċ. Huwa minnu li l-Artikolu 61(3) tal-Kap. 573 jipprovdi li, apparti l-imgħax li jkun inġema' fuq is-somma depożitata, skont l-Artikolu 52(1) il-Bord jista' jordna fis-sentenza tiegħu li s-sid jieħu imgħax sempliċi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kumpens finali li jiġi likwidat mill-Bord, liema imgħax għandu jibda għaddej minn meta s-sid ikun ressaq ir-rikors tiegħu skont l-Artikolu 55. Madankollu, il-loġika tiddetta li l-imgħax jibqa' jiddekorri fuq l-ammont li jkun kontestat u bħala ammont kontestat ikun għadu ma tħallasx.*

*Dan qiegħed jingħad ukoll, fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-liġi ċivili riżultanti mill-Artikoli 1047, 1139 u 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). L-Artikolu 1047 jipprovdi li, l-ħsara li tikkonsisti f'li ttellef lill-persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet, li jitħallsu bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena. Mentri l-Artikolu 1139 jipprovdi li, fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma flus determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni, jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma. F'dan il-każ, ma kienx hemm dewmien min-naħa tal-Gvern li jwettaq il-ħlas tal-ammont li ma kienx kontestat. Barra minn hekk, l-Artikolu 1141(2) jipprovdi li, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, li f'dan il-każ jittieħed li huwa r-rikors promotur. Kwindi fil-kwistjoni tal-komputazzjoni tal-imgħax, huwa ritenut li dan jgħaddi fuq l-ammont addizzjonali*

*akkordat mill-Bord u mhux fuq l-ammont intier likwidat mill-Bord, ġaladarba jkun sar il-ħlas tal-ammont mhux kontestat, u dan bir-rata ta' imgħax ta' tmienja fil-mija (8%), mid-data ta' meta sar ir-rikors promotur, f'dan il-każ fil-5 ta' Mejju, 2020, sakemm isir il-ħlas effettiv. Isegwi li l-appell tal-Awtorità appellanti jistħoqqlu li jintlaqa'.»*

9. Issa Seaview Construction Limited ressqet rikors fit-30 ta' Marzu, 2023, għaliex qiegħda tgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

10. Hija ssostni li għalkemm il-Qorti tal-Appell għamlet referenza għall-**Artikolu 61(3) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern** li jitkellem dwar l-imgħax fuq il-kumpens finali, madankollu l-istess Qorti spiċċat biex ma applikatx dan l-Artikolu u minflok applikat l-**Artikoli 1047, 1139** u **1142(2) tal-Kodiċi Ċivili**.

11. Skont Seaview Construction Limited li kieku l-Qorti tal-Appell applikat l-**Artikolu 61(3) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern**, hija kienet tasal għall-konklużjoni li l-imgħax kellu jitħallas fuq il-kumpens finali ta' €502,983.25 u mhux fuq il-kumpens parzjali ta' €143,233.25. Għalhekk hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

*«1. Tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fuq imsemmija billi saret applikazzjoni ħażina tal-liġi u dan a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 811(e) tal-Kapitolu tnax Kap XII) tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*2. Tordna li l-appell jiġi trattat mill-ġdid u dawn taħt dak il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

> *Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.»*

12. L-Awtorità tal-Artijiet wieġbet fit-12 ta' April, 2023 u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għaliex din it-talba ta' ritrattazzjoni jmissha tiġi miċħuda.

13. Inżammet seduta fid-9 ta' Novembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

15. Seaview Construction Limited tgħid li hemm lok ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tas-16 ta' Marzu, 2023 skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex skontha din il-Qorti ma applikatx l-**Artikolu 61(3) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern** iżda minflok applikat l-**Artikoli 1047**, **1139** u **1142(2) tal-Kodiċi Ċivili**.

16. L-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern** imsemmi mill-kumpanija ritrattandi jaqra hekk:

> *«Barra mill-imgħax li jinġema' fuq is-somma depożitata skont l-artikolu 52(1), il-Bord tal-Arbitraġġ jista' jordna fis-sentenza tiegħu li s-sid jieħu mgħax sempliċi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq il-kumpens finali*

*li jiġi likwidat mill-Bord liema mgħax għandu jibda għaddej minn meta s-sid ikun ressaq ir-rikors tiegħu skont l-artikolu 55.»*

17. Fis-sentenza li qiegħda tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri, din il-Qorti qalet li ladarba Seaview Construction Limited kienet diġà rċeviet is-somma ta' €359,750 mill-kumpens sħiħ ta' €502,983.25, allura huwa loġiku li l-imgħax bir-rata ta' 8% imsemmi fl-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern** għandu jgħodd biss fuq il-bilanċ ta' €143,233.25 mis-somma ta' €502,983.25, li kien ma tħallasx mill-Awtorità tal-Artijiet. U biex issaħħaħ din il-fehma tagħha din il-Qorti rreferiet għall-prinċipji ġenerali li jitnisslu mill-**Artikoli 1047**, **1139** u **1142(2) tal-Kodiċi Ċivili**, illi jgħidu li l-imgħax għandu jkun dovut f'każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Għalhekk billi f'dan il-każ ma kienx hemm dewmien fil-ħlas tas-somma ta' €359,750, din il-Qorti dehrilha fis-sentenza attakkata, li l-ebda mgħax ma kellu jgħaddi fuq din is-somma li kienet tħallset iżda kellu jgħaddi biss imgħax fuq il-bilanċ ta' €143,233.25 li kien għadu ma tħallasx.

18. Seaview Construction Limited però qiegħda targumenta fir-rikors ta' ritrattazzjoni tagħha li ladarba l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern** jitkellem fuq "*kumpens finali*" u l-kumpens finali li ġie ordnat li jiġi mħallas mill-Bord kien ta' €502,983.25 u mhux ta' €143,233.25, allura l-imgħax għandu jiġi maħdum fuq dan il-kumpens kollu u mhux fuq somma inferjuri bit-tħaddim tal-**Artikoli 1047**, **1139** u **1142(2) tal-Kodiċi Ċivili**.

19. Din il-Qorti kif inhi komposta, però ma taqbilx mal-kumpanija ritrattandi li din hija raġuni tajba biżżejjed biex huma jistgħu jitolbu r-ritratazzjoni ta' kawża taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

20. Tajjeb jew ħażin, din il-Qorti fis-sentenza tagħha interpretat l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern** fis-sens li ebda mgħax ma jista' jgħaddi fuq ammont li jkun ġie mħallas. Kemm hu hekk, hija qalet fis-sentenza attakkata li, «*il-loġika tiddetta li l-imgħax jibqa' jiddekorri fuq l-ammont li jkun kontestat u bħala ammont kontestat ikun għadu ma tħallasx.*»

21. Huwa minnu f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Appell irreferiet ukoll għall-**Artikoli 1047**, **1139** u **1142(2) tal-Kodiċi Ċivili** biex waslet għall-fehma finali tagħha li l-imgħax m'għandux jgħaddi fuq is-somma ta' €359,750 li kienet imħallsa. Iżda r-riferenza għal dawn l-artikoli tal-**Kodiċi Ċivili** ma saritx minflok l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern**. Mod ieħor, ir-riferenza għal dawn l-artikoli tal-**Kodiċi Ċivili** saret biss biex il-Qorti ssaħħaħ il-fehma tagħha li mhuwiex loġiku li l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern** għandu jiġi interpretat li l-imgħax għandu jgħaddi wkoll fuq flejjes li kienu diġà ġew imħallsa.

22. Bilkemm għandna għalfejn ngħidu li Seaview Construction Limited tista' targumenta li din l-interpretazzjoni ma tirriflettix dak li jgħid l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern**. B'daqshekk però dan mhuwiex fattur li jagħtiha jedd illi titlob smigħ mill-ġdid tal-appell taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

23. Is-sentenza għandha titħassar taħt dan il-motiv ta' ritrattazzjoni mhux meta l-Qorti tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, *i.e.* mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***FM Core Limited v. Ministeru ta' Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023).

24. Fil-każ tagħna, m'għandniex sitwazzjoni li din il-Qorti injorat dak li jiddisponi l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern,** kif tgħid ħażin Seaview Construction Limited. Mod ieħor, għandna sitwazzjoni li din il-Qorti applikat dan l-artikolu f'din il-kawża b'mod u manjiera li ma għoġobx lil Seaview Construction Limited. B'daqshekk dan ma jagħtix lil Seaview Construction Limited il-jedd li titlob ritrattazzjoni tas-sentenza fuq il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex jekk hemm bżonn

illi jerġa' jingħad, ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi wżata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ minflok liġi oħra li tgħodd għall-każ.

25. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti ma taqbilx ma' Seaview Construction Limited li f'dan il-każ jirriżultaw dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji sabiex hija tkun tista' tordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

26. F'kull każ jirriżulta li Seaview Construction Limited ressqet dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni fuq interpretazzjoni għalkollox żbaljata tal-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern**.

27. Jidher ċar li Seaview Construction Limited qiegħed jaħarbilha l-fatt li l-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern** ma jgħidx sempliċement: «*mgħax sempliċi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq il-kumpens finali*»; jgħid iżda: «*mgħax sempliċi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq il-kumpens finali* ***<u>li jiġi likwidat mill-Bord</u>****.*»

28. Għall-għanijiet tal-**Artikolu 61(3)** tal-**Att dwar Artijiet tal-Gvern**, il-kumpens finali li f'dan il-każ ġie likwidat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet ma kienx €502,983.25, kif donnha qiegħda tifhem ħażin Seaview Construction Limited. Mod ieħor, il-kumpens finali li ġie likwidat mill-Bord

kien biss iż-żieda ta' €143,233.25 fuq is-somma ta' €359,750 li kienet diġà ħallset l-Awtorità tal-Artijiet.

29. Is-somma ta' €359,750 ma kienet qatt parti mill-proċess ta' likwidazzjoni mwettaq mill-Bord għaliex din is-somma kienet diġà mħallsa. Fejn il-partijiet ma kinux qegħdin jaqblu huwa dwar jekk kellux ikun hemm kumpens superjuri għal din is-somma, u fil-fatt l-eżerċizzju likwidattiv imwettaq mill-Bord kien biss fuq jekk kellux ikun hemm din iż-żieda. Sewwasew f'dan il-każ il-Bord illikwida żieda ta' €143,233.25. Għalhekk hija tabilħaqq regħba żejda min-naħa ta' Seaview Construction Limited li tippretendi li għandha tirċievi mgħax fuq is-somma ta' €359,750, li hija diġà kienet irċeviet.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Seaview Construction Limited għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2023, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm